MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Diċembru 2015

Rikors Maħluf Numru: 95/2015

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs.**

**Mohamed Moussa (K.I. numru 414008(L)) u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2015 Dr. Anthony Stellini u l-P.L. Mario Buttigieg ġew nominati Kuraturi Deputati għall-assenti Mohamed Moussa u b'digriet tat-30 ta' Lulju 2015 l-Avukat Abigail Bugeja u l-Prokuratur Legali Peter Sammut ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jissostitwixxu l-Avukat Anthony Stellini u l-P.L. Mario Buttigieg sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Mohamed Moussa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà rikorrenti **Bank of Valletta p.l.c. (C2833)** (minn issa "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fit-2 ta' Frar 2015 fejn għar-raġunijiet imsemmija din il-Qorti ġiet mitluba li:

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Pierre Attard, datat 22 ta' Awwissu 2011 (Dok. "A") u permezz ta' skrittura privata datata 26 ta' Lulju 2012 (Dok. "B") fejn is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Mohamed Moussa.*

*2. Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Mohamed Moussa fis-somma ta' €92,276.26 bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Mohamed Moussa mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok D") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokumenti "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mohamed Moussa:*

*(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura,*
*(b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew,*
*(ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Mohamed Moussa li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*5. Illi l-konvenut ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 31 ta' Lulju 2013, li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "E", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha :*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dok. "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mohamed Moussa: (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Mohamed Moussa li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Mohamed Moussa iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €92,276.26 bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Mohamed Moussa mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "Ċ" u Dok D") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 31 ta' Lulju 2013 kontra l-konvenut li huma nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta tal-kuratriċi deputata l-Avukat Abigail Bugeja (a fol. 59 tal-proċess) li mhix edotta mill-fatti u rriżervat id-dritt li tressaq eċċezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawża inklużi d-dokumenti esibiti.

Qrat l-affidavit ta' **Joseph Caruana** (a fol. 45 u 46 tal-proċess) rappreżentant tas-soċjetà attriċi.

Semgħet ix-xhieda ta' **Dorianne Tanti** (a fol. 67 tal-proċess), rappreżentanta tal-Bank attur li kkonfermat li mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf sad-data li fiha kienet qed tixhed ma kien tħallas xejn mill-ammont pretiż.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2015 fejn id-deputati kuraturi ġew estromessi mill-proċess.

Rat in-nota maħlufa ta' Mohammed Moussa ippreżentata fl-24 ta' Novembru 2015 u ffirmata minnu stess li permezz tagħha ammetta t-talbiet tal-bank attur.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u stante l-ammissjoni tal-konvenut, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €92,276.26 bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Mohamed Moussa mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. D") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------